OTTUBRU 2012 – IT-32 SENA – GĦADD 323 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **Insaħħu l-Familja li hi Mhedda bil-Kbir!**
Editorjal

5 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Merħba fl-Ajruport ta' Malta**

8 **Franġiskanismu**
minn P. Ivan Scicluna OFMCap

10 **Missjoni**
minn Bertrand Vella, Elmar Pace, Jethro Bajada u Miguel Zammit, post-novizzi

13 **San Franġisk u l-Afrika**
minn Fr Hilary Abela OFMCap

17 **Gi.Fra**
minn Duncan Zammit (president Gi.Fra.)

18 **Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI fl-Okkażjoni għall-Ġurnata Missjunarja 2012**

20 **Palazzi f'Malta**
minn Joseph C Camilleri

22 **Storja tal-Kapuċċini**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

24 **Teoloġija tal-ġisem**
minn Patri Mario Attard OFMCap

26 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

28 **Novella**
minn John Caruana

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap



**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**




*Qoxra:*
**Pittura ta' San Franġisk t'Assisi bil-ktieb tal-Evanġelju li fuq il-messaġġ tiegħu bena l-Ordni tal-Aħwa ż-Żgħar.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Printit
Tel: 2189 4446/7

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2012
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# INSAĦĦU L-FAMILJA LI HI MHEDDHA BIL-KBIR!



L-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, huwa magħruf biżżejjed kemm ma joqgħodx idur mal-lewża. M'għandux kantunieri! Fl-Ittra Pastorali li ħareġ nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju, bit-titlu Insaħħu l-Familja, li serviet ukoll bħala tħejjija għas-Seba' Laqgħa Dinjija tal-Familja li saret f'Milan, bejn it-30 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju, saħaq bil-bosta fuq l-importanza u l-mod ta' kif nistgħu nsaħħu l-familja.

Fl-ambjent lokali fejn il-familja tradizzjonali, kif nafuha aħna, jiġifieri dik li skont l-Isqof Grech hija **"is-soċjetà naturali ta' persuni mibnija fuq relazzjoni bejn mara u raġel, ibbażata fuq iż-żwieġ bħala rabta dejjiema mmirata għall-għaqda u l-imħabba ta' xulxin u għat-tnissil, it-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied,"** hija mheddha bil-kbir! F'pajjiżna jeżiżtu kurrenti ta' ħsieb fejn iqisu li kull relazzjoni oħra fejn persuni, sempliċiment għaliex jinħabbu u jgħixu flimkien, għandhom jitqiesu b'familja. Kien għalhekk li Mons. Grech għamel sejħa biex ikun hemm "rikonoxximent privileġġjat mill-Istat" tal-familja tradizzjonali. L-Istat għandu d-dmir sagrosant "li jirrikonoxxi l-familja bħala tali u jiżviluppa politika favur il-familja li tassew tkun iffukata fuqha bħala unità soċjali".

L-Ittra Pastorali tqajmek fuq ix-xwiek għaliex hija "lil hinn miż-zuntier tal-Knisja". Ir-responsabbliltà tal-Istat fejn tidħol il-familja hija enormi. Fil-fatt, il-politiċi huma obbligati fil-kuxjenza tagħhom li jfasslu **"miżuri tajba (u jtejbu dawk) eżistenti, ħalli s-soċjetà tkompli tgħin il-koppji ż-żgħar mhux b'karità, imma, filwaqt li jkomplu jinħolqu dawk il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu *family friendly*, il-familja li qed trabbi jkollha retribuzzjoni li tgħinha ma taqtax qalbha tibni familja"**. L-Isqof ta' Għawdex saqajh mal-art! Ma nistgħux nippretendu li jkollna familji b'saħħithom u numerużi jekk m'hemmx x'jinċentivahom biex ikollhom iżjed ulied! Il-flus huma meħtieġa! U l-Istat għandu jagħmel minn kollox biex ikollna benefiċċji soċjali tajbin għal min għandu l-ulied!

Barra minhekk, il-familja tissaħħaħ meta tiġi edukata. L-Istat għandu jkun responsabbli biżżejjed li joffri edukazzjoni xierqa li tgħin lill-familji jedukaw **"lil uliedhom skont it-twemmin reliġjuż jew filosofiku tagħhom, ... speċjalment fil-każ ta' dawk il-familji li ma jkollhomx l-opportunità li jibagħtu lil uliedhom fi skola tal-għażla tagħhom."** Huwa għalhekk meħtieġ li kemm fit-tfassil u kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu ikun hemm rispett kbir għal dan id-dritt sagrosant tal-familja.

Il-midja wkoll tista' tkun ta' għajnuna siewja, **"biex isiru kampanji li jgħarrfu lill-pubbliku kemm dwar l-esperjenzi pożittivi tal-ħajja tal-familja u kemm dwar il-valuri li fuqhom ghandha tinbena l-familja, bħalma huma l-fedeltà dejjiema, is-sagrifiċċju, l-għotja sħiħa, is-sabar, il-maħfra kontinwa u l-karità"**. Minn naħa tagħha, il-Knisja għandha tgħin bis-sħiħ lill-koppji fil-bidu tal-ħajja miżżewġa tagħhom speċjalment fl-inċertezza tar-relazzjoni, fil-biża' li l-koppja ma tkunx taf teduka lil uliedha, u fir-riskji tal-futur. Ikun għaqli jekk tinħoloq assoċjazzjoni tal-familji ħalli, waqt li tibqa' tiddjaloga kontinwament mal-Istat, jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-familji u l-ġid komuni ta' pajjiżna. Hekk il-familja u l-Istat jissaħħu t-tnejn. Ejjew insaħħu l-Familja! •

# PRINĊIPJI TAL-INTERPRETAZZJONI TAL-PARABBOLI





Minbarra l-prinċipji ġenerali tal-interpretazzjoni tal-Kotba Mqaddsa għandna wkoll prinċipji speċjali li jgħinuna biex nifhmu aħjar il-parabboli tal-Evanġelju.

Niġbruhom f'dawn il-punti li ġejjin:

1. Nagħrfu sewwa x'fehem jgħallem Ġesù b'din il-parabbola. Infittxu x'inhu l-element prinċipali u ewlieni tal-messaġġ tal-parabbola skond l-intenzjoni ta' Ġesù li qalha u wkoll skont l-intenzjoni tal-Evangelista li daħħalha fl-Evanġelju.

   Inżornmu f'moħħna li f'kull parabbola hemm tagħlima waħda biss li toħroġ mill-paragun tal-istorja parabbolika 16. Dettalji oħra, li jidħlu biex jiżviluppaw il-parabbola taħt il-forma ta' "storja", jew huma sekondarji u subordinati għall-messaġġ ewlieni tagħha jew ma għandhom l-ebda valur ieħor ħlief dak artistiku u retoriku; għalhekk ma nagħtuhomx importanza żejda biex ma naqgħux fil-periklu tal-allegorizzjoni esaġerata u arbitrarja.

Kif diġà għidna, l-interpretazzjoni allegorika mhijiex għal kollox żbaljata. Għamluha l-Evanġelisti jew il-Knisja tal-ewwel żmien fit-tieni stadju tal-formazzjoni tal-parabboli (Mk 4:13-20; Mt 13:36-43) u għamluha xi għorrief tal-Knisja fl-imgħoddi. Nagħrfu wkoll li fiha t-tajjeb u s-sabiħ tagħha. Per eżempju, fil-parabbola tal-"Iben il-ħali" (Lq 15:11-31) it-tagħlima ta' Ġesù hi fuq il-ħniena ta' Alla. Imma l-figura tal-iben iż-żgħir bħala l-midneb, il-figura tal-kbir bħala l-bniedem reliġjuż jew Fariżew, il-qżieqeż, il-libsa sabiħa, iċ-ċurkett u s-sandli ... kollha għandhom is-sens simboliku u l-valur dottrinali tagħhom. Imma dejjem biex ifiehmu aħjar it-tagħlima ewlenija li fehem jagħti Ġesù b'din il-parabbola. U rridu noqogħdu dejjem attenti li ma nesaġerawx biex ma naqgħux fl-iżbalji tal-antiki. Minn Mt 18:34 żgur ma għandniex naslu biex naħsbu li Alla hu xi tirann aħrax; it-tagħlima qiegħda bi kliem ċar fl-aħħar vers (35): li Alla ma jaħfrilniex ħtijietna jekk aħna ma naħfrux lil min hu ħati għalina (ara Mt 6:15).

Ġeneralment mill-kliem ta' daħla u/jew ta' għeluq il-parabbola naslu biex nagħrfu malajr dak li jkun fehem jgħallem Ġesù. Eżempju: l-aħħar kliem ta' Ġesù fil-parabbola tal-għaxar xebbiet jgħidulna x'fehem jgħallem: li għandna nkunu dejjem lesti għall-miġja tiegħu (Mt 25:13). Mela din mhijiex il-parabbola tal-verġinità; jekk infissruha hekk,

inkunu qegħdin nagħmlu biss applikazzjoni u mhux interpretazzjoni tal-parabbola.

2. Ngħarfu, sakemm nistgħu, l-isfond jew iċ-ċirkustanza storika tal-parabbola; f'liema okkażjoni Ġesù qal il-parabbola, lil min u għaliex. F'xi parabboli nsibu dan l-isfond storiku fil-vers jew versi tad-daħla: Lq 14:7; 14, 15; 17:9. Hekk ukoll f'xi partijiet ta' parabboli li żdiedu jew ġew modifikati mill-Knisja fl-ewwel żmien; bħat-tieni parti tal-parabbola tal-festa tat-tieġ (Mt 22.11-14). żjieda ta' twissija lil dawk li kienu daħlu fil-Knisja min-naħa tal-pagani.

3. Inkunu nafu ħafna fuq il-ħajja ta' kuljum tal-Lhud tal-Palestina ta' żmien Ġesù, Il-parabboli tal-Evanġelji kollha mibnijin fuq id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħhom u maħdumin b'elementi tal-ħajja tas-soċjetà ta' żmienhom. Il-ħajja tal-bdiewa, tar-raħħala u tas-sajjieda; il-ħajja u l-użanzi tal-familja; il-ħajja tax-xogħol; il-kondizzjonijiet soċjali.

   Nifhmu aħjar il-parabboli taż-żrieragħ, jekk inkunu nafu xi ħaġa kif kienu jaħdmu l-bdiewa ta' dak iż-żmien; hekk ukoll dwar il-parabboli tal-ħajja tas-sajjieda jew tal-ħaddiema ma' sidienhom. Bi ftit ta' studju nistgħu niksbu ftit tagħrif fuq il-ħajja tal-Palestina ta' żmien Ġesù, li jgħinna nifhmu aħjar il-parabboli tiegħu.

4. Ngħarfu li l-parabboli huma ġeneralment konċiżi u xotti; huma stejjer neqsin minn dettalji li wieħed jistenniehom biex l-istorja tkun sħiħa. Hekk fil-parabbola tal-għaxar xebbiet jissemma l-għarus u l-għarusa ma tissemmiex. Ġesù ma riedx jiġbed l-attenzjoni tas-semmiegħa fuq id-dettalji, iżda fuq it-tagħlima ewlenija li fehem jagħti bil-parabbola.

5. Ngħarfu li ħafna parabboli fihom elementi iperboliċi, kliem u asserzjonijiet ta' esaġerazzjoni, biex joħolqu sentimenti ta' stagħġib fis-semmiegħa u jistednuhom biex jaħsbu aktar. Il-figura ta' Samaritan, li kien tassew il-proxxmu tar-raġel imsawwat, kellha timpressjona aktar lis-semrniegħa li kienu Lhud (Lq 10:30-35). Hekk ukoll id-dejn ta' għaxart elef talent (it-talent kien isarraf 6,000 dinar) fil-parabbola tal-qaddej li ma riedx jaħfer il-mitt dinar ta' sieħbu (Mt 18:23-34) kellha timpressjona fil-fond sewwa lis-semmiegħa. L-istess, ir-ragħaj tan-nagħġa l-mitlufa, li jħalli d-disgħa u disgħin l-oħra fuq il-għoljiet biex imur ifittex lilha (Mt 18:12-14).

6. Il-parabboli jistiednu lis-semmiegħa biex jaħsbu sewwa ħalli jaslu biex jifhmu t-tagħlima tal-parabbola u fuq kollox biex, iridu u ma jridux, japplikawha għalihom infushom. Bħall parabbola ta' Natan lil David (2 Sam 12:1-7). Hekk ukoll fil-parabbola tal-għalqa u d-dwieli: il-qassisin il-kbar u l-Fariżej fehmu li Ġesù kien qed jgħid għalihom (Mt 21:32-45).

   Il-parabbola tikseb l-effett tagħha billi tgħallem il-verità b'figuri konkreti u mhux astratti, u għalhekk b'mod hekk qawwi li ma tħallix lil min jismagħha jaħrab minnha.

   Jalla jkun dan l-effett tal-parabboli ta' Ġesù fina!

16. Ara C.G. DODD, o.c., paġna 7. Dan il-prinċipju kien diġà semmieh San Ġwann Krisostomu fil-kurnment tiegħu fuq Mt 20:11: "Il-parabboli ma għandhomx jiġu mfissra kelma b'kelma: hi l-intenzjoni – għaliex Ġesù qal il-parabbola - li għandna ngħarfu; fuq din għandna nieqfu, bla ma nagħtu kas wisq ta' punti oħra" (MG 58, 613).






MALTA








FXB
dine with a BOV card
BUS

# MERĦBA FL-AJRUPORT TA' MALTA

Jaslu l-Isqfijiet ta' Garissa: Mons. Pawlu Darmanin u Mons. Joseph Alessandro, it-Tlieta, 18 ta' Settembru 2012.

Qraba, Patrijiet Franġiskani Kapuċċini u ħbieb tal-Missjoni jilqgħu bil-kbir lill-Isqfijiet tad-Djoċesi ta' Garissa fil-wasla tagħhom fl-ajruport fl-okkażjoni tal-Ordinazzjon Episkopali ta' Mons. Joseph Alessandro OFMCap fid-29 ta' Settembru 2012.

**AD MULTOS ANNOS**









# JEKK INTI BANANA, TIPPRUVAX TKUN TUFFIEĦA ... !

*"Behind the success of a man, there is always a woman."* Dan il-qawl Ingliż jagħtina ħjiel tal-kumplimentarjetà tar-raġel u l-mara f'diversi oqsma tal-ħajja, inkluż dak tal-ispiritwalità.

Infatti, l-istorja tal-ispiritwalità Nisranija turina kif, matul iż-żminijiet, Alla fil-Provvidenza tiegħu kemm-il darba għoġbu jdoqq nota ġdida fl-istorja tal-bnedmin bil-kontribut, mhux ta' raġel waħdu jew ta' mara weħidha, imma tat-tnejn flimkien.

Per eżempju, fis-sitt seklu W.K., l-Ispirtu ta' Alla nefaħ nifs ġdid fil-Knisja permezz ta' San Benedittu u Santa Skolastika li taw bidu għall-ħajja monastika. Elf sena wara, Alla qajjem żewġ figuri kbar mill-art Spanjola – Santa Tereża ta' Avila u San Ġwann tas-Salib – li kebbsu riforma siewja fl-Ordni Karmelitan. Tereża lemħet fi Ġwanni l-inkarnazzjoni tal-viżjoni tagħha, waqt li l-poeta mistiku Spanjol sab fis-Santa Madre ta' Avila l-ixprun li ffjammah u mbuttah biex jagħti l-ewwel pass ta' tiġdid. Bejn il-qawmien tal-ħajja monastika fis-seklu sitta u r-riforma Karmelitana Tereżjana fis-seklu sittax, nibtet fjoritura oħra li rrikjediet il-kontribut ta' raġel u mara flimkien. Qed nirreferi għall-moviment Franġiskan li huwa intimament marbut mal-ismijiet ta' Franġisku u Klara t'Assisi.

Wieħed mill-isbaħ artikli li qatt qrajt dwar il-kumplimentarjetà ta' San Franġisk u Santa Klara huwa dak ta' Patri Raniero Cantalmessa, Kapuċċin Taljan, li fih il-predikatur tal-Papa jispira ruħu minn vers li nsibu fit-tieni kapitlu tal-ktieb tal-Ġenesi: **"U l-Mulej Alla qal: 'Mhux tajjeb li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih.'"**[1] U hekk Alla ħalaq lil Eva. Cantalamessa jistħajjel li dan il-kliem Alla baqa' jirrepetieh matul is-sekli. Tmien mitt sena ilu, Alla bħal donnu qal: 'Mhux tajjeb li Franġisku jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih.' Hekk, Alla sawwar lil Klara li, fi kliem Cantalamessa, kienet **"tassew għajnuna tgħodd għalih, għax kienet tal-istess sustanza, tal-istess stamina, fil-veru sens tal-kelma, 'ruħ tewmija.'"**[2] Fid-dawl tal-metafora tal-Ġenesi, nistħajjel lil Franġisku jgħid għal Klara dak li Adam qal għal Eva: **"... din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi."**[3]

Madanakollu, jista' jkun li f'moħħ ħafna nies, Klara tidher biss bħala cover-version femminili tal-ideal Franġiskan, sempliċiment adattament tal-viżjoni Franġiskana għan-nisa, donnha ma kienet xejn iktar mid-"dell" tal-Fqajjar t'Assisi. F'kuntrast ma' dan, Patri Regis Armstrong OFM jgħid li jekk neżaminaw sewwa l-figura ta' Klara, nintebħu li hija kienet xi ħadd li laqgħet il-kariżma Franġiskan, ispirat ruħha minnha, iżda li mbagħad esprimietha bil-mod oriġinali, uniku u femminili tagħha. Biżżejjed insemmu l-mod kif Klara għexet il-vot tal-faqar. Hija baqgħet tissielet sal-punt tal-mewt sakemm kisbet id-dritt li tgħix il-privileġġ tal-faqar kif riditu hi – b'intensità u radikalità kważi kważi iktar minn kif għexuh San Franġisk u l-aħwa tiegħu. Mhux ta' b'xejn li Armstrong jistqarr li l-viżjoni Evanġelika ta' Franġisku kienet ikkumplimentata u twettqet b'mod sħiħ permezz tal-preżenza ta' Klara. Dan isuqna biex nistaqsu jekk mingħajr il-preżenza u x-xhieda ta' Klara u s-Sorijiet foqra ta' San Damjan, l-ideal Franġiskan kienx ikollu xi ħaġa nieqsa.[4] Patri Murray Bodo OFM jesprimi din il-kumplimentarjetà ta' Franġisku u Klara b'mod oriġinali ħafna meta jqabbel liż-żewġ qaddisin max-xemx u mal-qamar. Ix-xemx u l-qamar jikkumplimentaw lil xulxin. Waqt li l-qamar jirrifletti x-xemx u ma jistax jiddi mingħajr id-dawl tax-xemx, fl-istess ħin ir-rifless tal-qamar iservi biex itaffi d-dija tgħammex tax-xemx. Hekk ukoll, Franġisku, li kien dawl qawwi li idda fid-dlam ta' żmienu, kellu bżonn qamar – is-simbolu etern tal-mara – biex irattab u jikkumplimenta d-dija ta' Alla li kienet toħroġ minnu.[5]

Għalhekk donnha toqgħod ħafna l-immaġini li Klara stess tuża biex tiddeskrivi lilha nnifisha fit-Testment tagħha: "il-pjanta ż-żgħira"[6] ta' Franġisku. Mela Klara ma kinitx id-"dell" ta' Franġisku, imma il-"pjanta ċ-ċkejkna" tiegħu. Id-dell huwa xi ħaġa statika, skura, ripetizzjoni monotona ta' xi ħadd jew ta' xi ħaġa. Bħal fil-każ ta' Fra Giovanni is-Sempliċi, li kien wieħed mis-segwaċi tal-bidu ta' San Franġisk u li ried jimitah litteralment bit-tir li jsir qaddis bħalu. X'għamel? Rabat il-kurdun tiegħu ma' dak tal-Poverello, b'mod li jekk jiċċaqlaq Franġisk, Giovanni kien jiċċaqlaq miegħu, jekk jisgħol, jisgħol bħalu, eċċ. F'dan il-każ għandek biss ripetizzjoni medjokri, imitazzjoni ridikola, strateġija infantili li ma tħalli ebda spazju lill-persuna biex tikber u timmatura kemm fuq livell uman, kif ukoll fuq livell spiritwali. Fil-każ tal-pjanta, minkejja li fiż-żerriegħa jkun hemm l-ingredjenti kollha tal-pjanta nnifisha, għandna proċess dinamiku ħafna. Għall-kuntrarju tad-dell, il-pjanta hija xi ħaġa ħajja li kapaċi tikber u tiżviluppa b'mod oriġinali u kreattiv, dejjem jekk issib ruħha f'kuntesti u kundizzjonijiet tajbin.

Inħoss li llum Klara qed tgħidilna: 'Tkunux dellijiet ta' xulxin! Tirrepetux mekkanikament la lil San Franġisk u lanqas lill-patrijiet u s-sorijiet ta' qabilkom! Kunu pjanti, pjantiċelli tal-Fqajjar t'Assisi, billi tixorbu, iva, mill-ispirtu tiegħu biex imbagħad tagħrfu tinkarnawh bil-personalità, bl-individwalità, bit-temperament u bil-kariżmi personali tagħkom fis-soċjetà tal-2012. Int uniku! Int unika! Inkarna l-ideal Franġiskan b'din is-singolarità li tagħmlek int! U inkarnah fiċ-ċirkustanzi li qed tgħix fihom illum!' Il-filosfu Franġiskan u beatu Ġwann Duns Scotus ħareġ bil-famuża kelma 'ecceitas' biex jispjega l-fatt li kull persuna hija irrepitibbli u unika. Mhux ta' b'xejn li Hans Küng, Teologu Kattoliku Svizzeru tas-seklu l-ieħor, kien qal li l-omoġeneità (jiġifieri, li nkunu lkoll l-istess, li nirrepetu lil ta' qabilna, li nkunu sempliċiment dellijiet ta' ħaddieħor) huwa dnub kontra l-Ispirtu s-Santu! Fi kliem l-għalliem tar-reliġjon li kelli fis-sekondarja: 'Jekk int banana, tippruvax tkun tuffieħa jew tilbes ta' laringa, għax in-nies meta tigdmek togħma ta' banana se ttiegħem!' Kun int! •

1 ĠENESI 2:18.
2 RANIERO CANTALMESSA, 'It Is Not Good for Man to Be Alone': Clare and Francis, in: "The Lady. Clare of Assisi: Early Documents", R. J. Armstrong (ed.), New York – London – Manila 2006, 9.
3 ĠENESI 2:18.
4 Introduzzjoni, in: "The Lady. Clare of Assisi: Early Documents", R. J. Armstrong (ed.), New York – London – Manila 2006, 33.
5 MURRAY BODO, Clare. A Light in the Garden, Phoenix 20102, 83-84..
6 KLARA TA' ASSISI, Testment, 37.




# ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA! (2)

## F'MALINDI

Wara tliet ġimgħat ġewwa Garissa kien imiss li nqattgħu ftit taż-żmien fid-Djoeċsi ta' Malindi. Djoċesi mmexxija mill-Isqof Kapuċċin Malti, Mons. Emanuel Barbara. Il-vjaġġ minn Garissa għal Malindi ħa madwar seba' sigħat minħabba li t-triq ma kinetx dejjem tajba. Mal-wasla tagħna ġewwa l-Catholic Institute ġejna milqugħa mill-Isqof u minn diversi saċerdoti u reliġjużi li kienu preżenti hemmhekk għal-laqgħat tad-Djoċesi. Kien f'dan l-istitut li aħna għixna matul dawn il-ħmistax. Istitut li fih innifsu għandu diversi attività minħabba li hemm: ■ skola, ■ uffiċini tal-Caritas, ■ Guest House u anki ■ komunità tas-sorijiet.

Matul dawn il-ħmistax esperjenzajna għall-ewwel darba l-Għid Afrikan. Għall-funzjonijiet tal-Għid attendejna dejjem fil-Katidral iddedikat lil Sant Antnin ta' Padova, ċelebrazzjonijiet li kienu mmexxija mill-Isqof Barbara. Dawn il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa kienu għalina esperjenza mill-isbaħ li fihom stajna verament nipparteċipaw fil-liturġija anki permezz tal-purċissjonijiet li saru f'Ħadd il-Palm u fil-Ġimgħa l-Kbira.

Matul iż-żmien tagħna ġewwa Malindi żorna diversi postijiet differenti fosthom:




- id-dar tal-Postulanti Kapuċċini f'Umoja,
- is-Sorijiet Klarissi,
- il-parroċċa Kapuċċina ta' Mpeketoni u dik ta'
- Marafa – parroċċa b'potenzjal.
- Żorna wkoll dar bl-isem ta 'St Francis Home' li tieħu ħsieb il-kura ta' tfal b'diżabilità.

Hemmhekk stajna naraw b'mod ċar kemm il-patrijiet u s-sorijiet tal-Mill Hill għandhom imħabba speċjali għal dawn il-persuni u kemm jagħmlu mill-aħjar biex joffru terapija u edukazzjoni lil dawn il-persuni. Post ieħor li żorna huwa villaġġ li fih nisa jaħdmu l-ġebel għall-għixien tal-familja. Ilkoll stgħaġibna kif dawn in-nisa minkejja d-diffikultajiet li jaħdmu fihom, bħalma ngħidu aħna, is-sħana u t-tbatija, xorta waħda kienu nies ta' tbissima u ta' ferħ ġenwin.

Ma naqasx ukoll li nagħmlu laqgħa liż-żgħażagħ li jattendu l-iskola tal-Catholic Institute. Kienet laqgħa interessanti ħafna fejn fiha qsamna l-esperejnza vokazzjonali tagħna bil-għan li nagħmlu kuraġġ l-istudenti fl-għażliet tal-ħajja tagħhom. Ilkoll kemm aħna ħallejna Malindi b'sens ta' gratitudni lejn il-Mulej għal dak kollu li Hu għamel permezz tal Isqof Francis Baldachinno fid Djoċesi ta' Malindi u anki għax-xogħol siewi li qiegħed iwettaq fil-preżent l-Isqof Barbara.

## F'HOLA

L-aħħar esperjenza tagħna għexniha ġewwa Hola fejn hemm Ħutna, Patri Spiru Galea u Patri Joe Galea. Ix-xogħol li wettqu u għadhom jagħmlu dawn Ħutna kien xi ħaġa li ammirajna ħafna. Huma kienu kapaċi joħolqu mix-xejn ambjent ta' xogħol għal xi nies, xogħol ta' agrikoltura, xogħol ta' mastrudaxxa u trobbija ta' annimali bħal mogħoż,



tiġieġ u fniek. Iżda barra minnhekk ħolqu ukoll sistema ta' *Small Christian Communities* fid-diversi rħula jew *Out-Stations* li jagħmlu parti mil-parroċċa ta' Hola. Minbarra l-quddiesa tal-Hadd huma jagħtu wkoll katekeżi ta' darba fil-ġimgħa lil dawn il-komunitajiet.

Fiż-żmien li domna Hola kellna ċ-ċans li naħdmu fix-xogħol manwali man-nies tal-post kif ukoll li nżuru u nipparteċipaw f'dak li jsir fid-diversi rħula u Out-Stations. Ħidma partikulari li aħna ġejna nvoluti fiha b'mod dirett kienet il-ħidma maż-żgħażagħ. Fiż-żmien li domna Hola kellna ċ-ċans li niltaqgħu darbtejn maż-żgħażagħ għal katekeżi kif ukoll għal ġurnata seminar li ġie organiżżat għaż-żgħażagħ kollha, kemm ta' Hola kif ukoll għal dawk tal-villaġġi. F'dan is-seminar ħadna t-tema tal-impenn, kemm bħala nsara kif ukoll fil-vokazzjoni partikulari ta' kull wieħed u waħda minnhom. B'kollox għal dan is-seminar ġew mal-95 żagħżuġħ u żagħżugħa. Dan is-seminar kien esperjenza sabiħa ħafna kemm għalina u kemm għalihom u dan urewh mid-diversi kummenti u mistoqsijiet li għamlu kemm waqt is-seminar kif ukoll wara, b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal- vokazzjoni.

Għalkemm Hola kienet l-aħħar esperjenza tagħna ġewwa l-Kenja u għalhekk kien żmien fejn stajna bdejna naħsbu fuq il-vjaġġ lura lejn Malta, xorta waħda kienet esperjenza li ħalliet marka pożittiva ħafna fina lkoll.

Kienet opportunità wkoll biex induqu ftit ħajja b'anqas kumditajiet fosthom ħasil tal-ħwejjeġ bl-idejn u dawl li jaqta' xi ftit aktar regolari milli nafu aħna. Però forsi aktar mill kumditajiet u l-bżonnijiet bażiċi, li tgħix f'post b'kultura differenti hija aktar diffiċli għaliex il-kultura tagħna tkun saret parti essenzjali mill-mod ta' kif naħsbu u naġixxu u tkun għalina sigurtà u sens ta' sanita mentali. Imma Ġesù ġieli jitlob minna din ukoll, li nħallu dak kollu li hu tagħna, li ġejna ffurmati fih, parti essenżjali mill-identità tagħna biex immorru nwassluh f'postijiet b'kultura totalment differenti fejn n-nies jeħtieġu kemm bżonnijiet materjali kif ukoll spiritwali. Nitolbu għal dawn ħutna l-missjunarji biex Alla jkompli jkabbar ix-xogħol li huma bdew b'mod speċjali b'vokazzjonijiet lokali. •



# SAN FRANĠISK U L-AFRIKA

Nixfa fir-raba, dmijja ma' kullimkien, żgħażagħ jitqatlu u tfal mibjugħa. Din hija l-ħajja tal-Afrika. Din mhix dehra u lanqas ħolma, imma s-sewwa magħruf mill-aħbarijiet u l-kitba fil-gazzetti mqassma mad-dinja kollha.

- Xi triq għandha taqbad l-Afrika biex tqum fuq saqajha u tissaffa mill-ħażen li hija mdawra bih?
- X'tgħalim għadna nużaw biex indewwu l-ġrieħi u nwelldu Afrika li tkun il-ġleħ ta' kulħadd. It-taħbira tal-paċi, minsuġa fit-talba ta' San Franġisk ta' Assisi, għandha tkun il-qawwa li tfejjaq, issaħħaħ u tgħaqqad lin-nies għall-mixja ġdida b'għan wieħed.



## L-AFRIKA MJASSRA

Żmien ix-xita huwa l-għaxqa ta' kulħadd. Il-bidwi jsib x'jiekol u jbigħ li jibqagħlu. Ir-ragħaj ixabba l-merħla tiegħu bl-għalf u l-ilma. B'hekk xarba ħalib u ikla laħam issibhom meta trid. Is-sajjied li jgħix qrib għadajjar kbar mimlija ilma ma jonqosx li jaqbad il-ħut minn dawk li faqsu minn ħut li kien inġarr bl-ilma waqt ix-xita. Kollox huwa minsuġ b'sengħa tal-għaġeb.

Illum l-iżmna tħarbtu. Qajla tgħaraf meta huwa żmien ix-xitwa jew żmien is-sajf. Ħafna drabi l-ewwel jiem tax-xita jimlewlek qalbek bit-tama ta' ħsad mill-isbaħ, imma din it-tama tgħib għal kollox għax ix-xita tieqaf ħesrem u ftit li fejn terġa' traxxax fuq dak li nżergħa.

It-tħarbit tal-istaġuni ġabu magħhom ġuħ kbir. Il-ġuħ baqa' ġuħ għax il-mexxejja tal-pajjiżi qatt ma ħarġu flus minn bwiethom biex irejjqu lil imġewħin. Ir-regħba u l-ħakma komplew jagħfsu l-ingassa ma' għonq il-magħkus.

Il-ħakkiema keċċew lin-nies minn art li ħadmuha bl-għaraq ta' ġbinhom, bnew djarhom fuqha u ħawlu siġar tal-frott b'wirt għal uliedhom. Ma' dan werwru n-nies bil-ħruq ta' djar u qtil għal min baqa' jitlejjeb. L-artijiet inħatfu f'idejn il-mexxejja u n-nies sabu kenn fuq art moxa jittamaw l-għixien tagħhom minn xi id ħanina li tidher kull tant.

Il-gwerer ħaqru lil kull min sabu quddiemhom. Is-suldati qabdu liż-żgħażagħ u kaxkruhom magħhom għat-taqbida, it-tfal serquhom biex ibigħuhom għal xogħol ta' tbatija. In-nisa mat-tfal żgħar ħarbu u nġabru flimkien ma' nisa oħra, jgħixu fil-biża' għall-moħqrija li għaddew minnha.

Il-qagħda ta' dawn in-nisa ġiet magħrufa minn kulħadd. Saru laqgħat, inkitbu ittri, intwerew rittratti mad-dinja



"Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek.
Fejn hemm il-mibgħeda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra;
fejn hemm id-dubbju, ħallini ndaħħal il-fidi;
fejn hemm il-qtigħ il-qalb, ħallini nqawwi t-tama;
fejn hemm id-dlam, ħallini inkebbes id-dawl;
fejn hemm in-niket; ħallini nxerred il-ferħ.

La tħallix li iżjed infittex li nkun imfarraġ milli nfarraġ jien;
la tħallix li iżjed jifhimni ħaddieħor milli nifhem lil ħaddieħor jien;
la tħallix li iżjed inkun maħbub, milli nħobb jien.

Għax meta nagħtu, aħna naqilgħu.
Għax meta naħfru, aħna nkunu maħfura.
Għax meta mmutu, nqumu għall-Ħajja ta' Dejjem."





kollha u l-kbarat baqgħu b'idejhom marbuta jaħsbu biss fihom infushom.

## QAWMIEN ĠDID

Il-Knisja tara fil-batut lil Ġesù msammar ma' salib jokrob bil-ħniena l-għajnuna. F'din id-dehra ta' qsim il-qalb, wieħed kellu jsib tweġiba għal qawmien ġdid jew aħjar li jitnaddfu l-qlub miġugħa minn niket, qtigħ il-qalb, il-mibegħda u minn dak kollu li jdallam il-moħħ għall-ħniena ta' Alla. Il-qawwa għal dan il-għan ma kenetx ħaġa oħra għajr it-talba tal-paċi: Talba li skont ma jingħad ġiet minsuġa minn San Franġisk ta' Assisi.

San Franġisk, imxewwex minn missieru għal ħsibijiet għolja, ingħaqad mas-suldati u mar jiġġilied mal-għadu. F'dan iż-żmien li għex mas-suldati tgħallem xi tħalli warajha kull gwerra. Meta nqatgħa għalih waħdu u ntgħaġen bit-talb u s-sawm, beda jaħseb kif għandu jdewwi l-qlub miġugħa. L-imħabba, il-maħfra, it-tama huma l-qawwa li jagħtu d-dawl lil imħuħ u ferħ fil-qlub għall-qawmien ġdid.

Il-Knisja, li għarfet is-seħer ta' din it-talba tal-paċi, għammret li t-talba tingħata mill-insara kollha kull darba li jiltaqgħu flimkien. Mhux biss, imma kulħadd għandu jitlob 'l Alla li jagħmlu għodda ta' sliem u l-għalliem fil-familja, f'kull settur tax-xogħol u ma' dawk li jiltaqa' magħhom fit-triq.

Il-Knisja ħasbet ukoll għal dawk l-ommijie li għadhom mkenna taħt it-tined minsija mill-ħakkiema tal-pajjiż. Stiednet għadd sabiħ ta' sorijiet, nisa u xebbiet biex imorru u jitħalltu ma'




dawn l-ommijiet jgħinunhom bil-pariri, jgħallmuhom xogħol tal-idejn u jagħtuhom dak li għandhom bżonn għall-ħajja.

Għaqda oħra ħasbet biex tibni skejjel għal dawk it-tfal li baqgħu ma' djul ommhom fil-kampijiet tar-refuġjati. Dawn l-iskejjel saru ħmiemel fejn beda jittrawwem is-sliem u l-għaqda ma' kulħadd.

It-talba ta' San Franġisk għandha qawwa kbira fuq l-Afrika mdemma, imċarta minn kull rabta tal-familja u mgħarra f'tifkiriet tal-biża, li jieħdu ż-żmien biex jintesew. •




# NAMMETTI... IRĊEVEJT IKTAR MILLI TAJT!



Miljun mistoqsija tibda tiġik f'moħħok f'dak il-mument meta tħossok tant żgħir u limitat li ma tistax tagħmel xejn biex issolvi dik il-ħasra li qed tara b'għajnejk stess. Ir-risposti huma xotti, għalhekk l-umiltà u l-kuraġġ flimkien mal-karità huma l-uniċi għodod li trid iżżomm biex taffaċċja din l-esperjenza.

Dan is-sajf, fix-xahar ta' Lulju, kelli l-opportunità biex flimkien ma' tnax-il żagħżugħ u żagħżugħa oħra mmorru ġewwa Malindi, il-Kenja, biex hemmhekk nagħmlu esperjenza ta' volontarjat ma' nies li bla dubju huma ferm aktar fil-bżonn minna u li l-kelma lussu qatt ma eżistiet fil-vokabularju tagħhom u l-anqas biss jazzardaw joħolmuha. Qabel irħejnilha lejn Malindi, ħallejna l-aspettazzjonijiet tagħna kemm jista' jkun baxxi u newtrali ħalli b'hekk inkunu miftuħin biex nitgħallmu minn dak kollu li nesperjenzaw. L-Eċċellenza Tiegħu, Mons. Isqof Emanuel Barbara laqgħana fil-Catholic Institute ġewwa d-Djoċesi tiegħu, il-post fejn wettaqna xogħol, kilna, irqadna u fejn qsamna esperjenzi ma' żgħażagħ oħra li kienu jagħmlu parti minn din il-boarding school.

Parti mill-grupp kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tibjid, manutenzjoni f'diversi kmamar fil-Catholic Institute u jpoġġi madum fl-aktar żewġ kmamar importanti għall-Istitut, jiġifieri dik fejn jsiru konferenzi importanti u l-board room. Tajjeb insemmi li fi tnax-il ġurnata, bħala tim, irnexxilna nippjanaw ix-xogħol, nixtru l-materjal u nagħtu dehra ġdida lil ħames kmamar fil-Catholic Institute biex b'hekk jkunu jistgħu jgawdu minnhom dawn iż-żgħażagħ li jixtiequ jedukaw rwieħhom. Il-parti l-oħra tal-grupp, ta' kuljum, kien jagħmel xogħol varju ġewwa Small home, sezzjoni ta' skola tal-primarja fejn tilqa' tfal bi bżonnijiet speċjali. F'dan il-post rnexxielhom jiltaqgħu ma' realtajiet differenti fejn l-isfida ta' aċċettazzjoni u kuraġġ kienu kontinwi.

Ma' kull ċans li sibna, ippruvajna nirħulha lejn il-villaġġi fil-viċinanzi biex b'hekk inkunu nistgħu naraw b'għajnejna stess il-faqar veru li qabel konna biss rajna fuq xi dokumentarji fuq it-televiżjoni jew f'xi artiklu fuq xi magazine. Ikolli nammetti li jħossok daqs nitfa meta tara dawk in-nies li dejjem bid-daħka fuq wiċċhom u li jirnexxilhom jittrasmettulek dan il-ferħ minkejja li ma għandhomx għaxja ta' lejla.

- Kemm hu importanti li napprezzaw il-ħajja u kull nifs li nieħdu kull sekonda li ngħixu!
- Kemm hu importanti li nkunu kuntenti b'dak li għandna u mhux qatt ma aħna kuntenti b'xejn! Ejja nistaqsu x'inhu il-veru ferħ!
- Kemm hu importanti li nibżgħu għall-affarijiet u mhux ngħixu f'ħajja mimlija ħela!
- Kemm hu importanti li nafdaw f'Alla f'kull sitwazzjoni ta' ħajjitna!
- Kemm hu importnati li nagħtu daqqa t'id anki jekk jkollna bżonn nwarrbu mir-rutina tas-soltu tagħna!

Wieħed jista' jargumenta li impossibbli ssolvi l-problema tal-faqar f'dan il-pajjiż. Allura ma nagħmlu xejn? Nissuġerixxi li mingħajr ma noqogħdu nippuntaw lejn ħadd u nġibu l-ebda skuża, nduru dawwra magħna nfusna u nagħmlu l-eżami tal-kuxjenza b'mod individwali. Barra minn hekk ninkuraġġixxi lil dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jagħmlu xi ħaġa ta' ġid biex jagħmlu esperjenza ta' volontarjat, Malta jew barra minn Malta, u nassigurakom li se tirċievu iktar milli tagħtu! •

# SILTIET MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI FL-OKKAŻJONI GĦALL-ĠURNATA MISSJUNARJA 2012



"Għeżież ħuti, jien nitlob lill-Ispirtu Qaddis biex fuq il-ħidma tal- Evanġelizzazzjoni "ad gentes" u b'mod speċjali fuq il-ħaddiema, tinfirex il-Grazzja tal-Mulej, biex tgħinhom jimxu dejjem aktar il-quddiem. Flimkien mal-Beatu John Henry Newman, jien nixtieq nitlob, "O Mulejja, kun mal-missjunarji tiegħek fl-artijiet tal-Evanġelizzazzjoni, poġġi fuq fommhom il-kliem eżatt u agħmel li l-ħidma tagħhom trodd il-frott".

Verġni Marija, Omm il-Knisja u Kewba tal-Evanġelizzazzjoni kun int mal-missjunarji li jxandru l-Evanġelju" (Talba f'għeluq il-messaġġ).

Din is-sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Missjoni, għandha tifsira partikolari. Għandna:

- għeluq il-ħamsin anniversarju tad-Digriet *"ad gentes"*,
- il-ftuħ tas-Sena tal-Fidi, u
- tas-Sinodu tal-Isqfijiet fuq is-suġġett tal-Evanġelizzazzjoni l-ġdida,

dawn kollha flimkien juru mill-ġdid ir-rieda tal-Knisja li tinpenja ruħha b'aktar kuraġġ u ħeġġa fil-Missjoni *"ad gentes"* biex hekk il-Evanġelju jasal f'kull tarf tad-dinja. Il-Konċilju Ekumeniku Vatikan it-Tieni, li fih ħadu sehem Isqfijiet Kattoliċi minn kull rokna tad-dinja, kien sinjal ċar tal-universalità tal-Knisja, li għaqqdet flimkien għall-ewwel darba, numru hekk kbir ta' saċerdoti mill-Asja, mill-Afrika, mill-Amerika Latina u mill-Oċeanja. Dawn il-mexxejja kienu mħeġġa minn żelu kbir biex jifirxu s-Saltna t'Alla u huma kkontribwew b'mod qawwi biex jisħqu dwar il-bżonn u l-urġenza tal-Evanġelizzazzjoni *"ad gentes"*, u b'hekk toħroġ aktar ċara x-xeħta missjunarja tal-Knisja.

## IL-KNISJA MISSJUNARJA

Din il-viżjoni ma naqsitx illum, iżda għaddiet minn riflessjoni qawwija kemm teoloġika kif ukoll pastorali, u fl-istess ħin qed tiġi mqiegħda quddiemna b'mod aktar urġenti għaliex kiber in-numru ta' nies li għadhom m'għarfux lil Kristu. **"Il-bnedmin li għadhom qed jistennew lil Kristu, huma f'numru kbir ħafna"** hekk qal il-Beatu Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika *"Redemptoris missio"*. Hu żied jgħid "Ma nistgħux nibqgħu b'sabarna, meta naħsbu fil-miljuni ta' ħutna, ilkoll mifdijin bid-Demm ta' Kristu, iżda li għadhom ma jafux dwar l-imħabba t'Alla (n. 86). Meta għamilt is-sejħa għas-Sena tal-Fidi, jien ktibt ukoll li Kristu **"illum bħal qatt**

**qabel, jibgħatna madwar id-dinja biex inxandru l-Evanġelju lill-popli kollha tad-dinja"** (Ittra Apostolika – Porta fidei, 7). Hemm bżonn li jerġa' jkollna fina dak l-impuls apostoliku li kellhom l-ewwel komunitajiet Insara, li kienu żgħar u vulnerabbli, iżda li bix-xhieda u x-xandir tal-kelma setgħu jifirxu l-Evanġelju fid-dinja kollha ta' żmienhom.

## L-IMPORTANZA TAL-EVANĠELIZZAZZJONI

Il-mandat biex nippriedkaw il-Evanġelju ma' jintemmx mis-saċerdot li jieħu ħsieb dik il-ġemgħa mill-Poplu t'Alla li ġiet fdata fil-kura pastorali tiegħu, iżda jsir ukoll minn saċerdoti *"fidei donum"*, kif ukoll mill-lajċi, nisa u rġiel. Dan għandu jinvolvi l-attività kollha ta' dik il-knisja partikolari. Hemm bżonn li l-ħin kollu naddattaw ħajjitna, il pjanijiet pastorali, u l-organizzazzjoni djoċesana, għal din id-dimensjoni fundamentali tal-Knisja, u dan b'mod aktar speċjali fid-dinja tagħna li qeda dejjem tinbidel.

Għandna nimxu fuq il-passi tal-Appostlu Pawlu li bħala **"priġunier għal Kristu fl-interess tagħkom"** (Efesin 3:1) ħadem, bata u ġġieled biex xandar il-Evanġelju (cf. Efesin 1:24-29) u dan għamlu l-ħin kollu u bl-akbar enerġija, biex b'hekk il-messaġġ ta' Kristu jkun magħruf u mxandar ma' kullimkien.

Il-Missjoni *"ad gentes"* għandha tkun ix-xefaq kostanti u l-mudell ta' kull attività ekklesjastika, għaliex l-istess identità tal-Knisja hija l-fidi fil-Misteru tal-Mulej li wera lilu nnifsu fi Kristu biex iġibilna l-fidwa, kif ukoll bil-missjoni li tingħata xhieda kif ukoll li jiġi mħabbar u mxandar fid-dinja kollha sat-tieni miġja tiegħu. Bħal San Pawl, aħna għandna nieħdu ħsieb dawk li huma bogħod minna, dawk li għadhom m'għarfux lil Kristu u għadhom ma ħassewx li Alla hu Missierna. Iċ-ċelebrazzjoni tas-sena tal-Fidi u tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar l-Evanġelizzazzoni l-ġdida, għandhom ikunu okkażjonijiet tajbin biex nerġgħu nintroduċu l-kooperazzjoni missjunarja.

## IL-FIDI U L-FIRXA TAGĦHA

Il-ħeġġa li għandna biex inħabbru lil Kristu, tinbuttana biex naqraw l-istorja ħalli niskopru l-problemi, ix-xewqat u l-isperanzi tal-umanità, li Kristu għandu jfejjaq, isaffi u jimla bil-preżenza tiegħu. Il-messaġġ tiegħu, hu dejjem f'waqtu, hu minqux fil-qalba tal-istorja, u hu kapaċi jikkalma kull ansjetà tal-bniedem. Minħabba f'dan, il-Knisja kollha kemm hi għandha tkun konxja li **"x-xefaq immens tal-missjoni ekklesjastika u l-qagħda preżenti li hija tant kumplessa, illum għandhom bżonn modalità mġedda biex inkunu nistgħu nwasslu l-Kelma t'Alla b'mod effettiv"** (Beneditttu XVI). Fuq kollox dan kollu jridna li jkollna fidi sħiħa kemm fidi personali kif ukoll komunitarja fil-Evanġelju ta' Ġesù Kristu **"fi żmien ta' bidla li għaddejja minnha l-umanità"** (Ittra Apostolika Porta fidei, 8).

Wieħed mill-ostakli fil-mixja tal-Evanġelizzazzjoni huwa l-kriżi tal-fidi, mhux biss fid-dinja tal-Punent, iżda ukoll f'parti kbira tal-umanità kollha li fl-istess ħin, hija xorta waħda għatxana għall-Mulej u għandha tiġi mistiedna u mmexxija lejn il-ħobż tal-ħajja u l-ilma ħaj bħall-mara Sammaritana, li marret ħdejn il-bir ta' Ġakob u tkellmet ma' Kristu. Il-ħeġġa għall-Evanġelizzazzjoni qatt m'għandha titħalla fix-xifer tal-attività ekklesjastika u tal-ħajja personali tal-Insara, iżda għandha tkun karatterizzata mill-għarfien li aħna nirċievu, iżda fl-istess ħin nagħtu ukoll bħala missjunarji tal-Evanġelju. Il-punt ewlieni fit-tixrid tal-fidi hu dejjem l-istess; il-Kerygma tal-Assolut u l-imħabba infinita t'Alla għal kull bniedem u din wasslet biex intbagħat l-Iben waħdieni u etern, Sidna Ġesù, li ma ddejjaqx li jieħu fuqu l-faqar tan-natura tagħna umana, u lil din l-umanità ħabbha u fdiha mid-dnub u mill-mewt billi offra lilu nnifsu fuq is-salib.

F'dan il-pjan t'imħabba, imħaddan minn Kristu, il-fidi f'Alla hija fuq kollox rigal u misteru li għandna nilqgħuhom f'qalbna u f'ħajjitna, u nkunu dejjem grati lejn il-Mulej għalihom. Iżda l-fidi hija rigal li jingħata lilna biex naqsmuh mal-oħrajn,

il-fidi hija talent li nirċievu biex minnu joħroġ il-frott, hija dawl li m'għandux jibqa' moħbi, iżda għandu jixgħel u jdawwal id-dar kollha. Dan hu l-aktar rigal importanti li ġie mogħti lilna f'ħajjitna, u aħna ma nistgħux inżommuh għalina biss.

Id-Dikjarazzjoni ssir Imħabba **"ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju"**, hekk qal l-Appostlu Pawlu (1Korintin 9:16). Din il-kelma tirbombja bil-qawwa għal kull Nisrani, u għal kull komunità Nisranija f'kull kontinent. Ukoll fil-knejjes li jinsabu fit-territorju tal-Missjoni, knejjes li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma knejjes żgħażagħ, għax twaqqfu ftit żmien ilu, iżda li dawn jagħmlu xogħol missjunarju, din saret xi ħaġa naturali wkoll jekk huma stess għad għandhom bżonn tal-missjunarji. Ħafna saċerdoti u reliġjużi nisa u rġiel minn kull parti tad-dinja, kif ukoll għadd kbir ta' lajċi u fil-fatt familji sħaħ, jitilqu pajjiżhom u l-komunitajiet tagħhom biex imorru fi knejjes oħra biex jagħtu xhieda u jxandru f'isem Kristu li fiH l-umanità ssib il-fidwa. Din hija espressjoni t'għaqda profonda, t'għotja u ta' mħabba bejn il-Knejjes, biex b'hekk kull bniedem ikun jista' jisma' għal darba, darbtejn id-dikjarazzjoni li tfejjaq u jkun jista' joqrob lejn is-sagramenti li huma l-għajn tal-veru ħajja. •



# PALAZZI F'MALTA (III)
# IL-PALAZZ TAL-PRESIDENT (1)



Fil-qalba tal-Belt Valletta jinsab l-ikbar palazz. Dan fih l-ufficcju tal-kap tal-istat Malti – il-President tar-Repubblika, il-Parlament, l-armerija u mitt ħaġa oħra. Għall-Maltin tal-lum dan il-palazz hu sempliċiment magħruf bħala l-Palazz tal-President. Fl-imgħoddi, fi żmien l-Ordni, dan il-palazz kien magħruf bħala l-Palazz Maġistrali għaliex kien ir-residenza uffiċjali tal-kap tal-Ordni u tal-Maltin – il-Gran Mastru. Fi żmien l-Ingliżi dan sar magħruf bħala l-Palazz tal-Gvernatur. Minkejja dawn l-ismijiet kollha l-poplu Malti jirreferi għalih bil-kliem semplici - il-Palazz.

## L-ISTORJA

Meta l-Ordni kienet f'Ġerusalemm, kull membru kien jgħix u jitlob f'bini kumuni. Iżda meta kellhom iħallu Ġerusalemm u marru f'Akri, fl-1187 daħlet l-idea ta' bini indipendenti għall-mexxej tal-Ordni. Dan il-bini kellu forma ta' fortizza. Wara Akri, l-Ordni marret tgħix f'Rodi. Hawn insibu palazz fuq l-għola parti tal-belt li kien fortifikazzjat sewwa. Meta daħlu f'Malta fl-1530, għall-ewwel il-Gran Mastru mar joqgħod fil-Birgu, sewwa sew fil-fortizza – Castrum Maris (illum il-fortizza ta' San Anġlu). Għall-ewwel l-Ordni kabret u saħħet din il-fortizza. Fl-1571 l-Ordni daħlet il-Belt Valletta.

Bħal kull bini ta' ċerta importanza, dan il-bini għandu l-istorja x'jirrankonta. Għall ewwel dan

il-bini kellu jkun fuq l-għola parti tal-Belt Valletta. Il-Perit Taljan Laparelli ried il-Palazz Maġistrali, jew ir-residenza tal-Gran Mastru jkun bejn wieħed u ieħor, fejn hemm illum il-Berġa ta' Kastilja. Iżda l-pjani ta' Laparelli, fejn jidħol il-palazz ewlieni, baqgħu fuq l-iskaffa. L-Ordni kellha tħalli s-swar tal-Birgu biex tmur toqgħod il-Belt Valletta fl-1571. Il-mexxej tal-Ordni ta' dak iż-żmien kien il-Gran Mastru Pietro di Monte (1568-1572). Biex juri l-ħtieġa li l-Kavallieri jħallu l-Birgu mar joqgħod man-neputi tiegħu Eustachio di Monte. Din id-dar kienet fil-qalba tal-belt il-ġdida u kienet magħmulha minn sala żgħira, u żewġ kmamar iżgħar. Mal-ewwel din id-dar saret il-Palazz Maġistrali. Il-Gran Mastru ddeċida li l-palazz tiegħu kellu jkun proprju hemm, jiġifieri fil-qalba tal-belt jew aħjar fejn kien qal il-Perit Baldassare Lanci, perit li ġie biex jgħin lill-Kavallieri jibnu l-belt.

Biex dan il-bini jidher aħjar fl-għajn, il-Kavallieri ħarġu ordni – altius non tollendi - li ħarset biex ma jitlaqx bini ogħli madwar il-palazz. Hekk kif l-ħtiġijiet tal-Ordni komplew jikbru, kien hemm bżonn ta' palazz ikbar. Għalhekk il-bini tal-palazz kompla jikber għal madwar 150 sena. Tant li l-firxa tal-art li fuqu nbena l-palazz tal-lum nistgħu naqsumha f'4 partijiet. Dawn huma d-dar ta' Eustachio di Monte. Din tifforma l-parti li hemm bejn Triq Repubblika kantuniera ma' Triq Teatru. Kien hemm ukoll l-art li fuqha kien hemm il-Berġa tal-Italja, jiġifieri bejn Triq Repubblika kantuniera ma' Triq l-Arċisqof. Kien hemm ukoll żewġt id-djar ta' żewġ Kavallieri Taljani – Fra Raimondo u Fra Bosio kif ukoll firxa art li llum tagħti għat-Triq Merkanti. Din l-art kienet tal-Ordni.

Meta l-fergħa Taljana tal-Ordni riedet tixtri d-djar taż-żewġ Kavallieri Taljani daħal fin-nofs l-Gran Mastru. Niżel u tiela', kliem, kliem, kliem fl-aħħar sabu t-triq tan-nofs. Il-Gran Mastru setgħa jixtri waħda mid-djar u d-dar l-oħra maret għall-fergħa Taljana. Il-Gran Mastru La Cassière ried jerġa' jkabbar il-palazz. Il-Kavallieri Taljani żammew iebes. Wara ħafna żmien waslu għas-soluzzjoni. Il-Kavallieri Taljani kellhom jingħataw l-art fejn illum hemm il-Berġa tal-Italja. Kellhom jieħdu somma kbira flus bħala rigal biex tinbena din il-Berġa ġdida. Kellhom jieħdu somma oħra b'imgħax baxx, eċċ. eċċ. Jiġifieri minn id waħda ħadu l-id l-oħra. Kien il-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca (1741-1773) li ordna t-tibdil meħtieġ biex il-bini ssir wieħed, iżda minkejja dan, mal-ewwel daqqa t'għajn, il-palazz mill-faċċata baqa' żewġ bini distinti. Fi żmien il-Gran Mastru Hughes Loubens de Verdalle (1581-1595), it-taraġ ra tibdila. Dan il-Gran Mastru ma setgħax jitla' u jinżel mingħar ibati. Għalhekk ħolqu tip ta' taraġ tajjeb għall-użu għalih. Dan it-tip ta' taraġ intuża wkoll għat-taraġ tal-Palazz



Verdala. Ta' min jgħid li wieħed mill-bibien ewlenin tal-palazz sar restawr fuqu fl-2000. Ix-xogħol kien parti mill-*"Valletta Rehabilitation Project"*. Ix-xogħol ta' restawr sar taħt it-tmexxija tal-periti Claude Borg u Chanelle Muscat. Il-ħlas sar a spejjes tal-Malta Experience. Aktarx li dan il-bieb sar fuq disinn ta' Romano Carapecchia fis-seklu 18.

Fil-Palazz, l-Ordni organizzat il-Kapitlu Ġenerali tagħha. Dawn għall-ewwel kienu aktar spiss, iżda kif l-Gran Mastru beda jikseb aktar poter dawn bdew jonqsu. Fil-Palazz kienu jaslu l-ambaxxaturi. Din kienet turija tas-sovranità tal-Ordni. Iċ-ċelebrazzjoni u ċerimonja komplew jiżdiedu. •

*Referenzi*


*Lino Bugeja, The Great Siege of 1565: Frescoes at the Grand Masters' Palace, Malta This Month, July 2001*

*Stefanie Paulin, The original design of the Grand Masters' Palace, Valletta, The Sunday Times, November 14, 1999*

*Anon, Paladini frescoes at Palace to be restored, The Times, October 31, 1998*

*A E Abela, The story of a hall, The Sunday Times, April 16, 1995*

*The Times 17-III-2000*

*The Times 31-X-1998*

*Albert G Storace, "Nepture" restored, The Sunday Times, September 12, 1999*

*Philip Farrugia Randon, At long last, this is it, The Sunday Times, October, 2001*

*Anon, Grand Master's suits of armour being restored, Malta This Month July 2001*

*Albert Ganado (ed), Palace of the Grand Masters in Valletta, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2001*



# IL-KUNVENT U L-KNISJA TAL-PATRIJIET FRANĠISKANI KAPUĊĊINI F'GĦAWDEX (1888-1896)

Fil-bidu tal-perijodu li qegħdin nitkellmu fuqu (1888), il-Gwardjan tal-Fraternità ta' Għawdex kien Patri Anġeliku, li kien għadu fil-kariga fl-1889 [1], Iżda fl-istess sena f'Ottubru 1889 insibu bħala Gwardjan lil Patri Agostino [2], Patri Gużepp Antonio li kien Gwardjan fl-1892, spiċċa minn din il-kariga wara l-Kapitlu Provinċjali li sar f'Ġunju 1892, u warajh bħala Gwardjan insibu lill Patri Daniel minn Naxxar [3], Fl-1894 nerġgħu nsibu lill-Patri Anġelku fil-kariga ta' Gwardjan [4].

Fost il-membri tal-fraternità, bejn is-snin 1888-1895, insibu lill-Patri Gejtanu u Fra Mikiel minn Għawdex [5]. B'rabta ma' din il-komunità nsibu li, fit-12 ta' Frar 1891, saritilha żgur żjara mill-Ġeneral tal-Ordni, Patri Bernard [6].

## OPRI ĠODDA FIL-KNISJA

Bejn l-1891 - 1895 f'din il-knisja żżanżnu erba opri ġodda. Fl-1891, bit-tħabrik tat-Terzjarji mwaqqfa f'din il-knisja, inġiebet statwa ta' San Franġisk li nħadmet mid-Ditta "GAIARD" ta' Marsilja.

Nhar is-16 ta' Mejju 1891 il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Mons. Kan. Penitenzier, Dun M.A. Refalo D.D., bierek din l-istatwa fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u wara saret Transulazzjoni solenni għall-knisja tal-Kapuċċini. Fiha ħadu sehem it-Terzjarji, il-kleru, il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, Agostinjani u Kapuċċini, tliet Fratellanzi ta' Ġesù Marija (San Ġorġ), tal-Immakulata Kunċizzjoni (San Franġisk), tas-Ssmu Sagrament ta' Kerċem. Ikkonduċa l-Ministru Provinċjal Patri Bernard OFMCap. Malli l-purċissjoni waslet fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja ġiet esegwita bil-mużika l-Antifona ta' San Franġisk, u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. F'din l-okkażjoni l-banda "Leone" għamlet marċ f'nofsinhar madwar ir-Rabat u wara ħadet sehem fil-purċissjoni [7].

F'April tal-1892 ġiet iċċangjata bl-irħam il-kappella ta' San Feliċ ta' Cantalice. L-ispejjes tħallsu mill-legat li ħalla l-Markiż Vinċenzo Buġeja [8]. Erba xhur wara, fl-20 t'Awwissu, fil-kappella ta' San Franġisk tqiegħed kwadru ġdid tal-istess qaddis xogħol tal-pittur Malti Giuseppe Calì. Minnflok dan il-kwadru, qabel kien hemm statwa ta' San Franġisk li wara tqieghdet fil-kuridur tal-kunvent. [9] Tliet snin wara, fit-3 ta' Lulju 1895, spiċċa x-xogħol taċ-ċangar bl-irħam fil-knisja. B'hekk il-knisja kollha issa kienet iċċangjata bl-irħam [10].

## IT-TERZ'ORDNI FRANĠISKAN

Jidher li t-Terz'Ordni Franġiskan ta' din il-knisja jaf il-bidu tiegħu f'Jannar 1888. Dan joħroġ minn tagħrif li deher f'rivista lokali ta' Jannar 1888, li kien jgħid li, "fit-22 ta' dan ix-xahar fil-Knisja tal-Kapuċċini ta' din il-gżira Għawdxija jilbsu għall-ewwel t-Terzjarji ta' San Franġisk bl-abitu kapuċċin. Sejrin ikunu madwar 50. Il-funzjoni tibda fil-5 am. Tispiċċa b'quddiesa li fiha jitqarbnu."

L-istess rivista tagħti prosit "liż-żelanti Gwardjan Patri Anġeliku li tant ħadem biex tirnexxi din l-opra" [11].

Minn tagħrif miġbur mill-istess rivista nafu li t-Terz'Ordni kien qed jiffunzjona f'Settembru tal-istess sena [12]. Bħala Minisru tat-Terz'Ordni fis-snin 1888, 1889, 1890, insibu lin-Nutar Onorato Giovanni Refalo. Bħala Segretarju, fis-sena 1889, insibu lil Dun Nerik Sammut. [13] Fost it-Terzjarji nsibu lil Dun Ġużepp Zammit D.D. Kappillan tal-Isptar [14] u Dun Salv Sultana [15]. Terzjarju ieħor kien Wistin Masini [16]. Fl-1890 bħala Direttur Spiritwali nsibu lill-Patri Anġeliku [17].

It-Terzjari kienu attivi. Kienu jieħdu ħsieb il-festa ta' San Franġisk u ġie li organizzaw xi funzjoni partikulari. Hekk insibu li fit-18 t'Awwissu 1889, meta bl-ordni tal-Isqof Giovanni Marija Camilleri O.S.A. saret ġurnata espożizzjoni fil-parroċċi kollha għall-bżonnijiet tal-Papa Ljun XIII, it-Terzjarji għamlu t-tqarbina fil-knisja u assistew għal-żewġ quddisiet. Wara nofsinhar, fit-tlieta, ħarġu mill-Kapuċċini u telgħu proċessjonalment lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ akkumpanjati minn Patri Gejtanu bir-reċita tar-rużarju. Wara li għamlu siegħa Adorazzjoni, reġgħu niżlu proċessjonalment lejn

il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja fejn wara l-litanija ngħatat il-Barka Sagramentali [18].

## IL-FESTA TA' SAN FRANĠISK

Din il-festa kienet issir b'ċerta solennità, u nafu li fl-1888 u fl-1890 ħadu ħsiebha t-Terzjarji. Fl-1888, ġiet iċċelebrata l-Ħadd 28 t'Ottubru. Lejlet saret it-Transulazzjoni solenni tar-relikwja u Għasar. L-għada (29 t'Ottubru) kien hemm quddiesa kantata, u wara l-Isqof Pietru Pace qaddes għat-Terzjarji. Wara nofsinhar sar l-Għasar bil-Mużika, paneġierku minn Dun Ġużepp Diacono, Kappillan tal-Qala, u repożizzjoni tar-relikwija [19].

Il-programm tal-festi tas-sena ta' wara (1889) kien kważi simili għal dak tal-1888. Iżda għall-festa żżanżnet quddiesa miktuba għaċ-ċirkustanza mill-Kan. Dun Ġorġ Mercieca u kanta l-kor tat-tfal mgħallem mit-Terzjarju Wistin Masini. Wara nofsinhar, wara l-Għasar u l-paneġierku li sar minn Dun Ġużepp Zammit D.D. "għamlu l-ewwel darba il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Franġisk" [20]. Il-purċissjoni bl-istatwa reġgħet saret fil-festa tas-sena ta' wara (1890), u fiha ħadu sehem numru kbir ta' Terzjarji bl-abitu [21]. Fis-sena ta' wara 1891, it-Terzjarji reġgħu ħadu ħsieb din il-festa li fiha kien hemm ukoll l-Mużika. B'indult tas-Sagra Kongregazzjoni tat-22 ta' Settembru 1891, ġie stabilit li din il-festa kellha ssir fir-raba Ħadd t'Ottubru [22].

## FUNZJONIJIET PARTIKULARI

Bejn l-1888 u l-1896 f'din il-knisja saru numru ta' funzjonijiet partikulari. Fl-1888, l-Ordni Franġiskan Kapuċċin kellu Beatu ġdid Feliċ minn Nicosia. Għaldaqstant f'Settembru 1889 f'din il-knisja saru tlett ijiem festi b'tifkira ta' din l-okkażjoni. Fl-aħħar ġurnata qaddes kantat il-Ministru Provinċjal, u filgħaxija saru l-Għasar bil-mużika u paneġierku minn Dun Ġużepp Zammit D.D. Wara Mons. Isqof Pietru Pace D.D. ikkonkluda l-festi bil-kant tat-Te Deum. Il-mużika kienet tal-Kan. Dun Ġorġ Mercieca [23].

Tliet snin wara, f'Settembru, sar funeral solenni b'suffraġju għar-ruħ Mons. Antonio Maria Buhagiar



OFMCap li kien Amminisratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta bejn l-1885 - 1889, u mar Delegat Appostoliku f'Haiti u San Domingo. Mons. Buhagiar miet f'Awwissu 1891 għaldaqstant fis-27 ta' Settembru wara nofsinhar tkanta l-Matutin u saret orazzjoni funebri minn Dun Alfons Hili. L-għada, 28 ta' Settembru, saret quddiesa solenni bil-mużika u wara ta l-Assoluzzjoni Mons. Isqof Giov. Maria Camilleri. Il-knisja kienet imżejna bl-iswed, bl-arma u bir-ritratt tal-mejjet Prelat.

Xahar wara, il-Kapuċċini, kellhom saċerdot ġdid, Patri Salv mix-Xewkija, li ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Giovanni Marija Camilleri O.S.A. fil-Palazz tiegħu, nhar il-Festa ta' San Franġisk (4-X-1891). Ġimgħa wara, fil-11 t'Ottubru, Patri Salv iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja. Il-quddiesa saret bil-mużika, u fiha pprietka Dun Ġużepp Zammit D.D. [25].

Tliet snin wara, l-Ordni Franġiskan Kapuċċin kellu Beatu ġdid ieħor, Diegu Ġużepp minn Cadiz. Għaldaqstant bejn it-28 u t-30 ta' Settembru 1894, sar Triduum ad unur tal-Beatu l-ġdid. Għal din l-okkażjoni l-knisja kienet imżejna u fl-altar maġġur kienet tispikka x-xbieha tal-Beatu l-ġdid.

Fit-30 ta' Settembru, l-aħħar ġurnata tat-Triduum tkanta Matutin solenni u wara qaddes Mons. Isqof Camilleri. Imbagħad kien hemm quddiesa solenni bil-mużika li għaliha assista mit-tron l-Isqof Camilleri. Wara nofsinhar sar l-Għasar bil-mużika u paneġierku minn Dun Ġużepp Zammit D.D. Mons Isqof ikkonkluda l-festi bil-kant tat-Te Deum u l-Barka Sagramentali.

Sena u ħames xhur wara, fit-8 ta' Mejju 1896, fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, saret ġurnata espożizzjoni billi f'dak il-jum f'Ruma sar il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni [27].


1. *Id-Devot ta' Marija, Jannar 1888 p.31. Settembru 1889 p.160*
2. *IBID Novembru 1889 pp.190, 191*
3. *IBID Lulju 1892 p.125*
4. *IBID Ottubru 1894 p.170*
5. *IBID Settembru 1889 p.160, Ottubru 1894 p.170*
6. *IBID Marzu 1891 p. 62*
7. *IBID Mejju 1891 p.93*
8. *IBID Mejju 1892 p.93*
9. *IBID Settembru 1982 p.158*
10. *IBID Awwissu 1895 p. 138*
11. *IBID Jannar 1888 p.31*
12. *IBID Ottubru 1888 p.175*
13. *IBID Novembru 1888 p. 190, Settembru 1889 p.160, Novembru 1890 p.191*
14. *IBID Novembru 1889 pp. 190, 191*
15. *IBID Settembru 1889 p. 160*
16. *IBID Novembru 1889 pp. 190, 191*
17. *IBID Novembru 1890 p.191*
18. *IBID Novembru 1888 p.190, Settembru 1889 p.160, Novembru 1890 p.191*
19. *IBID Novembru 1888 p.190*
20. *IBID Novembru 1889 pp. 190, 191*
21. *IBID Novembru 1890 p.191*
22. *IBID Novembru 1891 p. 189*
23. *IBID Ottubru 1888 p. 175*
24. *IBID Ottubru 1891 p. 174*
25. *IBID Novembru 1891 p. 189*
26. *IBID Otturbru 1894 p.170*
27. *IBID Ġunju 1896 p. 106*



# IL-KOMUNJONI FL-IMĦABBA

Fl-aħħar tappa fil-mixja tagħna fit-Teoloġija tal-Ġisem se nitfgħu ħarsitna fuq il-komunjoni fl-imħabba.

Għaliex il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba bilfors ikollu jesprimi mħabbtu fil-"komunjoni tal-persuni." Din isseħħ meta tnejn minn nies jagħtu lilhom infushom u jilqgħu liberament lil xulxin fl-imħabba. L-imħabba veru sseħħ f'din l-għotja reċiproka. Kif juruna l-Evanġelji, il-punt essenzjali tal-ħajja Nisranija huwa li tħobb.

Kwotazzjoni għall-qalb il-Beatu Ġwanni Pawlu II hija meħuda mill-Gaudium et Spes li tgħidilna: **"Kristu … jirrivela b'mod sħiħ il-bniedem lill-bniedem innifsu u jagħmel is-sejħa suprema tiegħu ċara"** (§ 22). X'jirrivela Kristu jekk mhux li **"m'hemmx imħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għall-ħbiebu?"** (Ġw 15:13). Huwa Kristu nnifsu li jirrivelalna s-sejħa bażika tagħna bħala persuni billi jagħtina lilu nnifsu f'mewtu fuq is-Salib. Permezz tat-Teoloġija tal-Ġisem, Ġwanni Pawlu II jipprova jippreżentalna l-messaġġ Evanġeliku tal-imħabba b'mod ġdid u profond. Jaf li l-imħabba hi dik li n-nies ifittxu. Saħansitra fl-enċiklika tiegħu, Redemptor Hominis, jgħidilna: **"Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba. Huwa jibqa' esseri li hu misteru għalih innifsu. Hajtu hi bla sens jekk l-imħabba mhix irrivelata lilu, jekk ma jiltaqax magħha, jekk ma jesperjenzahiex u jagħmilha tiegħu, jekk ma jieħux sehem fiha b'mod intimu"** (§ 10).

X'għandu x'jaqsam il-ġisem uman ma' dan kollu? F'dinja fejn il-ġisem sar oġġett ta' pjaċir jew magna li m'għandhiex x'taqsam mal-ħajja spiritwali tagħna, Ġwanni Pawlu II jippreżenta mill-ġdid il-verità kif

misjuba fil-Bibbja. Il-ġisem m'huwiex żjieda tal-ħolqien. Anzi, huwa parti essenzjali ta' dak li aħna bħala persuni umani. Għaliex? Għaliex il-ġisem fiżiku jirrivela l-parti spiritwali tal-persuna. Hekk ngħidu aħna, tista' tgħid li xi ħadd hu ferħan minħabba t-tbissima li jkollu fuq wiċċu. Il-ferħ m'huwiex xi ħaġa fiżika, tanġibli, viżibbli. Jeħtieġ sinjal fiżiku biex ifissru.

Bl-istess mod, Adam u Eva setgħu jaraw mid-differenza fl-iġsma fiżiċi tagħhom (kienu għarwenin) li kienu msejħa għall-għaqda u l-komunjoni. Li kienu msejħa għall-IMĦABBA, biex jagħtu lil xulxin f'għotja totali, kemm fil-ġisem u kif ukoll fir-ruħ, fil-mod l-aktar komplet u possibbli għall-bniedem, jiġifieri l-għaqda sesswali. Din l-għaqda fiżika tipponta u tfisser unjoni iktar profonda u spiritwali. Bl-istess mod li tbissima hija vojta jekk wieħed ma jkunx ferħan, l-għaqda sesswali hija vojta mingħajr l-għaqda spiritwali. Il-komunjoni fiżika tagħhom mhux biss tipponta għall-komunjoni inviżibbli bejn ir-raġel u l-mara, imma fir-realtà turi li din l-imħabba, din l-għotja tal-persuna tagħha nnifisha, hija s-sejħa li għaliha ġejna msejħin. Hija dak li għalih ġejna maħluqa.

Ġwanni Pawlu II jgħid li Alla ħalaq ġisimna bil-mod li ħalqu biex jurina li aħna msejħa biex inħobbu. Li r-raġuni tal-eżiżtenza tagħna hija li nħobbu, li nkunu rigal għall-ħaddieħor. Huwa jsejjaħ dan bħala **"t-tifsira nuzzjali tal-ġisem"**. Fil-katekeżi tiegħu tas-16 ta' Jannar 1980, il-Papa fisser li **"l-ġisem uman jinkludi d-dritt mill-bidu ... il-kapaċità li jfisser l-imħabba, li l-imħabba li biha persuna ssir rigal – u permezz ta' dan ir-rigal – ittemm il-milja tal-esseri u l-eżistenza tagħha"**.

B'sorpriża għal uħud, Ġwanni Pawlu II jissokta jgħid li fiha nnifisha, l-għaqda konjugali tfisser sinjal tax-xewqa ta' Alla għall-għaqda sħiħa magħna. Liema għaqda hija intima u mhux sesswali. Hija sinjal tal-imħabba ta' Kristu għall-għarusa tiegħu l-Knisja. Kemm hu importanti għalhekk li l-koppji jgħixu r-relazzjonijiet tagħhom skont kif kienu maħsuba minn Alla biex juru b'mod l-aktar preċiż lid-dinja l-pjan etern tiegħu għall-umanità. San Pawl jgħallem: **"Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha"** (Ef 5:25). Imbagħad jirreferi mill-ġdid għall-bidu, bħalma Kristu jagħmel fil-Evanġelji meta jgħid: **"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!"** (Ef 5:31-32).

Ġwanni Pawlu II ifisser li permezz tal-għaqda sesswali l-ġisem jitħaddet "lingwa". U din il-lingwa jeħtiġielha titħaddet fil-verità. Ġaladarba n-natura



proprja tal-att konjugali, kif mħejji minn Alla, jinkludi kemm fih, kemm l-għaqda interpersonali tal-koppja u kif ukoll il-potenzjal għall-prokreazzjoni, ir-raġel u l-mara ma jistgħux jingħaqdu b'mod kontraċettiv. Meta jagħżlu l-kontraċezzjoni, ikunu qiegħdin jagħmlu dannu kemm lilhom infushom, għaliex ikissru d-dinjità tagħhom bħala persuni u kif ukoll jagħmlu ħsara lill-att konjugali innifsu.

Minħabba l-interess kontinwu tiegħu għal dak li tassew jagħmel ġieħ lill-bniedem, Ġwanni Pawlu II juża t-Teoloġija tal-Ġisem biex ifisser iżjed l-għanijiet wara l-enċiklika kontroversjali dwar il-kontraċezzjoni tal-Papa Pawlu VI, Humanae Vitae. Fil-katekeżi li ta nhar it-22 ta' Awwissu 1984, Papa Wojtyla qal hekk: **"Ir-raġel u l-mara jissuktaw fil-lingwa tal-ġisem dak id-djalogu li, skont Ġenesi 2:24-25, kellu l-bidu tiegħu f'jum il-ħolqien. Din il-lingwa tal-ġisem hija xi ħaġa iktar minn sempliċiment reazzjoni sesswali. Bħala lingwa awtentika tal-persuni, hija suġġetta għas-sottomissjoni lejn il-verità, jiġifieri lejn in-normi morali oġġettivi. Preċiżament fuq il-livell ta' din il-lingwa, ir-raġel u l-mara jfissru lil xulxin b'mod reċiproku u bl-iktar mod profond possibbli għalihom ... Ir-raġel u l-mara jesprimu lil xulxin fil-qies tal-verità sħiħa tal-persuni umani"**.

Il-ġisem tal-bniedem huwa s-santwarju, it-tempju tal-Ispirtu s-Santu, fejn l-għotja tal-imħabba reċiproka u sħiħa ta' Alla lejn il-bniedem, il-komunjoni fl-imħabba, isseħħ b'mod korporali, reċiproku, u sħiħ, fil-persuni tal-miżżewġin. •



# ALBERTA U BINHA BILLY
# STORJA VERA MAQLUBA GĦALL-MALTI



Alberta, omm ta' 26 sena, kienet qed tħares b'għożża lejn binha li kien qed imut bil-marda tal-Leukemia. Qalbha kienet maqsuma bid-dulur, imma fl-istess ħin kienet determinata li tagħmel dak kollu possibbli għal binha. Bħal kull ġenitur, riedet li binha jikber u jwettaq il-ħolm kollu tiegħu; imma minħabba fil-marda li kellu, dan ma kienx aktar possibbli. Iżda xorta waħda riedet tagħmel xi ħaġa biex il-ħolma li kellu binha Billy titwettaq.

Qabdet id binha f'idejha u staqsietu: **"Billy, qatt ħsibt xi xtaqt issir meta tikber? Qatt ħlomt x'se tagħmel b'ħajtek meta tikber?" "Mummy, dejjem xtaqt inkun wieħed minn dawk li jitfu n-nar, meta nikber"**. Alberta tbissmet u wegħditu li tara x'tista' tagħmel biex il-ħolma tiegħu isseħħ.

Aktar tard, hija marret fid-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar fil-lokalità tagħha ta' Calgary u hemm iltaqgħet mal-fireman Bob li kellu qalbu kbira daqs tagħha. Fissritlu x-xewqa ta' binha u talbitu jekk kienx possibbli li binha ta' 6 snin jieħu rikba fuq fire engine imqar mad-dawra tal-kwartier. Bob weġibha li jistgħu jagħmlu aktar minn hekk. Talabha biex f'ġurnata miftehma, għas-7 ta' filgħodu, jaħtruh

Fireman Onorarju għal jum sħiħ. Imur l-istazzjon, jiekol magħhom, u jekk ikun hemm xi sejħiet għall-għajnuna fl-area tagħhom, imur magħhom. Ried ukoll il-qisien tat-tifel biex jagħmlulu uniformi b'elmu ta' veru, bl-emblema tad-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar ta' Calgary. Ikollu wkoll is-sidrija safra li jkollhom jilbsu u boots tal-lastiku. Żied jgħidilha: **"Kollox f'Calgary jiġi manifatturat u meħjut u allura jkollna kollox lest bla dewmien".**

Tlett ijiem wara, Fireman Bob ġabar lil Billy liebes l-uniformi u l-elmu mill-isptar fejn kien jinsab u ħadu ħdejn it-truck. Billy tela' s-sellum u qagħad fuq wara tat-truck, jgħin fis-sewqan biex imorru lejn l-istazzjon.

Billy kien jinsab fis-seba' sema. Dakinhar, f'Calgary daħlu 3 sejħiet għall-għajnuna u Billy mar fuqhom kollha. Rikeb fuq fire engine, ambulanza u anki fil-karrozza tal-Kap tat-Tifi tan-Nar. Xi ħadd ħadlu video u għaddih għal fuq programm tat-televiżjoni.

Kien ferħan se jtir. Xewqtu wettaqha. L-imħabba u l-attenzjoni li kulħadd wera lejn Billy, tant għamlu effett pożittiv fuqu li għex tliet xhur aktar milli ħaseb it-tabib.

Lejl minnhom, l-infermiera ndunat li l-forzi tat-tifel bdew iħalluh. Billi hi kienet temmen li ħadd m'għandu jmut waħdu, ċemplet lill-membri kollha tal-familja ta' Billy u lil qrabatu biex jiġu l-isptar ħdejn is-sodda tiegħu. Imbagħad ftakret fil-ġurnata li Billy għadda ma' Fireman Bob; ċemplet lill-kap tagħhom, spjegatlu s-sitwazzjoni u talbitu jekk xi membru minn tat-Tifi tan-Nar jistax jiġi l-isptar, liebes l-uniformi, ħdejn Billy.



Il-Kap qalilha: **"Nistgħu nagħmlu aktar minn hekk. Fi żmien 5 minuti nkunu hemm. Iżda nixtieq pjaċir mingħandek. Meta tisma' s-sireni u tara d-dwal, avża minn fuq il-mikrofonu, li ma hemm ebda nar jaqbad. Se jiġi d-Dipartiment biex iżur wieħed mill-aħjar membri tiegħu għal darba'oħra. Iftaħ ukoll it-tieqa tal-kamra ta' Billy".**

5 minuti wara, wasal l-isptar it-truck bil-ganċ u s-sellum. Tellgħu s-sellum sakemm wasal sat-tieqa tal-kamra ta' Billy fit-tielet sular. Sittax il-membru tat-Tifi tan-Nara telgħu s-sellum għall-kamra fejn Billy kien mimdud. Bil-permess ta' ommu, wieħed wieħed għannquh magħhom u qalulu kemm iħobbuh. Billy, li kien wasal fl-aħħar, ħares lejn il-kap tagħhom u staqsih: **"Chief, jiena sirt wieħed minnkom issa?"**

**"Billy, iva int, u l-Kap tagħna Ġesù qiegħed iżommlok idejk".** Għal dawk il-kelmiet, Billy tbissem u wieġeb: **"Naf. Ilu jżommli jdejja l-ġurnata kollha waqt li l-anġli qed ikantaw..."**

U b'dawk il-kelmiet, Billy għalaq għajnejh għall-aħħar darba. •

# SPERANZA U L-MADONNA TAL-ĠENTILI (7)



Billi t-tabib ordna l-aqwa kura lil dak l-ilsir li Speranza kienet ġiebet fil-furmarija, xi ħadd fehem li dan kien xi persunaġġ importanti u wassal l-aħbar lill-Baxa qabel ma laħaq infurmah it-tabib. Dan malajr bagħat għat-tabib biex jitkixxef fuq din affari, bit-tama li jdabbar xi kemxa flus jew ċappa deheb għall-fidwa tiegħu. It-tabib skuża ruħu li ma laħaqx infurmah qabel għax ried l-ewwel u qabel kollox isalva lil ferut li kien wasal fl-aħħar mumenti ta' ħajtu. Qallu li dak kien ilsir Malti, qaddief għal diversi snin. Imbagħad qallu xi ħaġa bil-mod li ħasdet lill-Baxa u baqa' skantat. Kif għaddietlu l-ħasda hu stess mar jara lil marid, ordna li jingħata kull attenzjoni u qal lit-tabib biex iżommu nfurmat dwar il-progress fil-fejqan tiegħu.

Speranza ma kienitx titħarrek minn ħdejn il-marid u bil-kura u ddedikazzjoni tagħha, l-imsejken beda jagħmel xi progress. Anzi wara ftit ġranet beda jqum bilqegħda fis-sodda u ftit ġranet wara nizzluh jagħmel ftit passi fl-art, b'ferħ kbir għal Speranza u l-qaddejja tagħha Fidelja li kellha twissija biex ma turihx li kienet Maltija jew tgħidlu x'jisimha, **"għax għadu ma jiflaħx għall-eċċitament."**

Meta ftit ġranet wara, Fra Felić, it-tabib, deherlu li dan ir-raġel kien mhux ħażin, ġabar flimkien lit-tliet Maltin ġo kamra, daħal magħhom u l-erba' ntroduċew ruħhom u qalu l-istorja dolorusa



tagħhom. Bkew flimkien u ferħu flimkien speċjalment meta Speranza assigurat li, **"malli jkun possibbli ħa mmorru lejn darna u nerġgħu ningħaqdu mal-għeżież tagħna"**. Hawn Speranza talbet lil patri biex jgħarraf lill-Baxa bil-ħsieb tat-tluq minn Barberija. Il-patri qalilhom: **"Nitlolbu lill-Madonna biex tifthilna t-triq"**. Fil-pront irrispondiet Speranza: **"Lill-Madonna tal-ġentili ħadtilha rasha dejjem nitkarbilha, imma jien ċerta li qegħda tismani l-ħin kollu"**.

Fra Feliċ beda jaħseb fl-aħjar okkażjoni biex jgħarraf lill-Baxa bix-xewqa ta' Speranza għax kien jaf xi ħsieb iberren f'moħħu kellu r-rajjes. Imma l-okkażjoni ġiet weħidha għax f'dik in-naħa tfaċċat il-marda tad-diżenterija u l-Baxa bagħat għat-tabib jistaqsih: **"Kif se nagħmlu biex nakkwistaw ftit minn dak il-ħaxix li sena ilu fejjaq lil ibni?"** Hawn ġiet ix-xoqqa f'moxtha biex Fra Feliċ iwassal ix-xewqa ta' sħabu u rrisponda: **"Ħaġa waħda nistgħu nagħmlu, ja sidi, mmorru nġibuha mill-art ta' Speranza"**. **"Imma kif nistgħu nagħmlu din il-biċċa xogħol... fejn se nibgħat lin-nies tiegħi jfittxu, meta la qatt raw din il-ħaxixa mbierka minn Allah u lanqas jafu fejn tikber?"**

Hawn it-tabib għarraf lil sidu li Speranza biss setgħet taqdi din il-missjoni billi, **"taqta ix-xewqa ta' Speranza u titwassal lura lejn pajjiżha flimkien mat-tnejn l-oħra."** **"Mela Speranza trid tmur lura?"**, staqsa ftit konfuż il-Baxa. **"Iva, ja sidi, qaltli biex inwassallek din ix-xewqa tagħha."** Il-Baxa waqaf jaħseb għal ftit imbagħad qal lill-patri: **"Ibni kien mejjet u tagħtu l-ħajja, issa jmiss li hi wkoll terġa' tieħu l-ħajja mal-familja tagħha u ma' niesha"**. **"U fl-istess ħin tfejjaq ħafna nies li qed jimirdu, għax turina mnejn nakkwistaw din il-ħaxixa biex nagħmlu d-duwa li fejqet lil ibnek."**

Il-Baxa siket imħasseb b'idu x-xellugija jilgħab mad-daqna u wara ftit qal lit-tabib: **"Imma kif nista' nissogra nafda din il-ġmiel ta' tfajla ma ċorma rġiel ta' bla ġieħ? Wisq nibża li jivvjolentawha u wara jbigħuha lil xi pirati."** **"Sewwa qed tgħid, ja sidi, imma jekk ibigħuha, kif qed tibża' int, imbagħad min se jurihom l-post fejn hemm il-ħaxixa li għandna bżonn?"** **"U jekk jassaltawha wara li tgħinhom jiġbru l-ħaxix?"**, reġa l-Baxa. **"Jekk inħaddmu moħħna le"**, irrisponda it-tabib. **"L-ewwel nett, inti agħżel baħħara fdati u agħti ordni stretta li l-art jinżlu biss żewġt irġiel... fuq il-bastiment nieħdu ħsiebha jien u dak ir-raġel li issa feq"**. **"Kif mela int se tħallini wkoll?"** staqsa l-Baxa. **"Le, le, serraħ rasek minni. Jien immur kif għidtlek biex nieħu ħsieb in-nisa, però nagħtik kelma ta' raġel li nerġa' niġi"**. Il-Baxa deher li kien jaqbel mat-tabib. •



# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom.
Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

AVORJU
BAĦRIN
BALZMU
BDOTI
DRAPP
FIDIL
FOLOL
ĦABS
ĦEMEL
ĦWAWAR
IĠFNA
MARTRI
MERKANTI
MITĦNA
PORPRA
SAKRA
SKARLATT
SMID
TAJR
TRAB

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | E | T | U | R | A | T | P | Ż | A | U | R | B |
| E | S | A | R | A | J | I | A | M | I | E | V | I |
| M | L | E | K | A | R | M | A | L | W | L | C | L |
| I | K | E | V | A | N | B | Q | M | A | J | F | Ħ |
| L | I | Ħ | J | R | I | H | A | G | U | Ħ | N | A |
| K | D | C | A | L | Ġ | U | D | I | T | T | A | B |
| A | N | G | O | I | P | T | I | M | D | S | Q | M |
| Z | A | Ħ | Q | S | A | X | N | P | A | B | L | X |
| Ħ | O | S | I | M | U | O | A | R | Ġ | I | O | S |
| L | C | R | E | A | Ħ | L | A | T | A | Ż | J | U |
| W | V | X | D | J | Q | A | K | K | E | B | E | R |
| Z | A | O | C | I | T | I | M | N | A | Ż | V | Q |
| B | V | S | I | L | L | A | A | R | O | B | E | D |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħ ta' Awwissu/Settembru 2012**
**Salvinu Tabone - Bormla**

# TISLIBA - 118



1. Għax *ġew* fid-dinja. (2 Ġw 7) **(5)**
2. Fost ħafna minn dan. (1 Tess 1,6) **(6)**
3. Din fl-Ispirtu. (Fil 2,1) **(5)**
4. Elija it-... )1 Slat 21,17) **(5)**
5. Hekk hi l-ubbidjenza. (1 Sam 15,22) **(4)**
6. Ħareġ in-nar minnha. (Mħ 6,21) **(5)**
7. Għaliex... ġej. (Żak 2,14) **(5)**
8. Qillet l-ibleh... minnhom. (Prov 27,3) **(5)**
9. Kellu sabar kbir. (Ġak 5,11) **(3)**
10. Mulej, ... u sebbaħt il-poplu. (Għerf 19,22) **(7)**
11. u 12. *Aħseb* fija, o Alla. (Neħ 13,14) **(3)**
13. Dan mar miegħi. (Ġona 2,6) **(6)**
14. Saret tax-xewka. (Mk 12,10) **(5)**
15. Minn fejn terfgħu l-offerta. (Num 15,20) **(5)**
16. Nibgħatu għal dawn. (1 Kron 13,2) **(5)**
17. ... fl-art u agħtu qima. (Dan 3,5) **(5)**
18. X'għamiltu permezz tagħhom. (1 Kor 3,5) **(7)**
19. Għamluh jum sħiħ. (Lq 2,44) **(4)**
20. Għal... id-dnewwa. (Ġob 15,20) **(3)**
21. Tibqa' għaddejja hekk. (Est 3,4) **(5)**
22. In-... kollu ta' Iżrael **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWWISSU/SETTEMBRU 2012:**
***1. Emmnu; 2. Qatran; 3. Isibu; 4. Eqreb; 5. Gwaj; 6. Kalċi; 7. Mqass; 8. Qawwa; 9. Nar; 10. Bċejjeċ; 11. u 12. Inċens; 13 Nersaq; 14. Tbati; 15. Boħan; 16. Hsibt; 17. Itlaq; 18. Bilfors; 19. Laqx; 20. Rat; 21. Toqba; 22. Blata.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħ ta' Awwissu/Settembru 2012**
**Jonthan Debattista - Tarxien**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jiġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**



# Intervista lill-
# PATRI ELIJA VELLA OFMCONV.
## PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI DJOĊESANA
## DWAR L-OKKULT U S-SATANIŻMU

F'dan l-artiklu se nwasslilkom IT-TIENI PARTI tal-intervista li l-ġurnalista, is-Sur Melvin Farrugia, għamel lil Patri Elija Vella OFMConv. Din l-intervista tgħinna biex insiru nafu aktar mill-qrib lil dan il-Patri Eżorċista li tant ħadem u għamel ġid.

**Melvin:** U l-Knisja x'inhi tagħmel?

**Patri Elija:** Meta għaddast rasi snin ilu f'dan it-tip ta' pastorali, sibt bosta li qatgħuli qalbi u ssuġġerewli nieqaf. Saħansitra uffiċjali tal-Kurja kienu dubjużi u xettiċi dwar din il-pastorali. Illum nista' ngħid li l-parti l-kbira tal-kleru kif ukoll l-awtoritajiet tal-Knisja Maltija fehmu li din hi problema reali li teħtieġ pastorali addattata. Mhux biss, illum ma nsibux oppożizzjoni mill-awtorijiet, imma għall-kuntrarju nsibu appoġġ sħiħ.

Madankollu, għadni konvint li l-Kleru Malti u Għawdxi għadu sajjem minn dak li hawn fostna u iżjed u iżjed għadu jitfixkel quddiem persuni li jeħtieġu l-għajnuna f'dan il-kamp. Il-Knisja kienet għarfa biżżejjed meta waqqfet Kummissjoni Djocesana biex tieħu ħsieb il-problematika tal-Okkult, Sataniżmu u Spiritiżmu.

**Melvin:** X'inhu x-xogħol tal-Kummissjoni Djoċesana dwar l-Okkult u s-Sataniżmu li inti l-president tagħha?

**Patri Elija:** Il-ħidma ta' din il-Kummissjoni hija vasta ħafna. Il-membri li jifformawha huma kollha eżorċisti, madankollu wieħed m'għandux jimmaġina li aħna nagħmlu biss eżorċiżmi. Niltaqgħu darba fix-xahar regolarment biex mhux biss niddiskutu bejnietna l-każi li jkollna, imma wkoll biex noħolqu formazzjoni u informazzjoni dwar l-okkult, is-sataniżmu u l-ispiritiżmu. Ħidma kontinwa li nwettqu fl-iskejjel u fuq il-midja. Fuq kollox nistudjaw kontinwament dwar is-suġġett u nitgħallmu minn xulxin. Hloqna wkoll gruppi li jgħinuna fil-ħidma tagħna. Kummissjoni ta' din l-għamla hija pjuttost oriġinali. F'nazzjonijiet oħrajn normalment l-eżorċista jaħdem waħdu. Mhijiex l-ewwel darba li ġejt mistoqsi minn Isqfijiet ta' nazzjonijiet oħrajn kif taħdem din il-Kummissjoni u x'inhu r-rwol tal-eżorċista, li mhux biss dak li jkeċċi x-xjaten, imma fuq kollox dak li jifforma u jinforma l-Kleru u l-lajċi dwar il-ħidma u t-tattika tax-Xitan. {ejt mistoqsi u tkellimt fost l-oħrajn dan l-aħħar dwar dan mal-Isqof ta' Caltanissetta (Sqallija), mal-Arċisqof ta' Singapore u mal-Kardinal Brown ta' Boston (Amerika) li lkoll urew interess kbir fil-mod ta' kif naħdmu hawn Malta.

**Melvin:** Min jifforma parti minn din il-Kummissjoni?

**Patri Elija:** Il-membri huma dawn:

Jiena P. Elija Vella OFM Conv. – President
P. Marcello Ghirlando OFM – Segretarju
P. Joe Borg SJ
P. Ugo Cremona OP
P. Franco Fenech OFMCap
P. John Vella OFMCap

**Melvin:** Jista' jkun li persuni li jgħidu li għandhom ix-xitan, ikollhom biss problemi psikoloġiċi?

**Patri Elija:** Meta tmur għand tabib, int tgħidlu x'qiegħed tħoss, imma mbagħad ikun hu li jgħidlek x'għandek. Hekk ukoll meta tmur għand eżorċista: hu jrid jiddixxerni intix iddisturbat mix-Xitan jew le. Bosta jippruvaw jikkonvinċu lill-eżorċista li dak li jħossu hu kkawżat mix-Xitan. Fil-parti l-kbira tal-każi dawn ikunu kollha każi psikoloġiċi jew psikjatriċi. Li kieku dawk kollha li jaħsbu li għandhom xitan ġo fihom, ikun hekk tassew, kieku naħseb li l-Infern huwa vojt, għax ix-xjaten ikunu kollha "on duty"!

**Melvin:** Naħseb li l-iżjed ħaġa diffiċli hi li tagħmel dixxerniment biex tara jekk dak li qed jiġri hux ġej minn xi kundizzjoni psikoloġika jew hijiex xi ħaġa ta' natura spiritwali. X'inhuma s-sintomi li turi persuna posseduta mix-Xitan?

**Patri Elija:** Eżattament: mhijiex ħaġa faċli li tiddistingwi problema psikoloġika minn dik spiritwali; ladarba s-sintomi sikwit ikunu l-istess. Huwa żball madankollu li wieħed jitlaq mill-presuppost li kull każ huwa psikoloġiku jew psikjatriku. Jirriżulta fil-fatt tant drabi li wara li persuna tkun ilha tattendi sessjonijiet psikoloġiċi u tibla' psikofarmaċi, mingħajr riżultat viżibbli, wara li jsir talb ta' liberazzjoni jew Eżorċiżmu fuqha, din titjieb u tfiq. Naturalment, kull każ irid jittieħed għalih. Hawn wieħed irid jgħid li l-kollaborazzjoni bejn ix-xjenzjati u l-eżorċisti hija essenzjali.

Bosta drabi sintomu wieħed – bħal ngħidu aħna forza barranija; jew konoxxenza ta' dak li jkun moħbi; inkella stmerrija lejn oġġetti sagri, jew kliem b'lingwi barranin li l-persuna qatt ma tkun tgħallmet... – ma jkunx biżżejjed biex wieħed jasal għall-konklużjoni ċerta li l-persuna hija posseduta. Imma diversi sintomi magħqudin flimkien, jistgħu jwasslu għal ċerta probbabbiltà. Naturalment, l-eżorċista mbagħad irid jiddixxerni kull darba każ b'każ. Ħaġa hija ċerta: li l-esperjenza tagħna l-eżorċisti rat bosta persuni mfejqin u kompletament liberi wara t-talb, ħaġa li ma kenitx kapaċi tagħmel ix-xjenza.

**Melvin:** Hemm xi persuni professjonali li jgħinukom tiddixxernu l-każ? Tipprovdu għajnuna psikoloġika għal persuni li jkollhom bżonnha?

**Patri Elija:** Diġà għedt – u nirrepetiħ bil-qawwa – li l-għajnuna tal-psikoloġija u psikjatrija huma essenzjali fil-ministeru tagħna. Għandna grupp ta' psikjatri u psikoloġi li jgħinuna bil-pariri tagħhom, u sikwit huma jibagħtu l-każi għandna u aħna nibagħtuhom għandhom.

Meta niġu biex nissuġġerixxu għand min imorru, noqogħdu ħafna attenti li nissuġġerixxu xjenzjati li jemmnu li fil-persuna m'hemmx biss l-aspett psikoloġiku u psikjatriku, imma wkoll l-element spiritwali. B'hekk inkunu qegħdin inħarsu lejn il-persuna minn aspett holistiku, ħaġa essenzjali jekk irridu tassew fejqan sħiħ fil-persuna. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**